# L-istat tan-nazzjon



**Laqgħa fuq livell nazzjonali**

Il-Ġimgħa, 4 ta' Ġunju 2021

Fid-9a.m.

Imxandra mill-Palazz Verdala

LIVE

facebook.com/PresidentofMalta

# L-istat tan-nazzjon

**Dr Vincent Marmarà**
B.Sc.(Hons)(Melit.), M.Sc.(Sheff.) Statistics,
Ph.D.(Stir.), FRSS, KLJ
Statistiku u lettur fl-Università ta' Malta

# L-għanijiet prinċipali

- Din il-laqgħa fuq livell Nazzjonali se tibda bi stħarriġ xjentifiku fost il-Maltin
- Għal dan l-istudju qed nikkunsidraw liċ-ċittadini Maltin
- Irridu nifhmu aħjar min huma l-Maltin u l-Għawdxin
- Nifhmu aħjar dak li l-poplu jemmen, dak li jiddefinih u dak li jifforma l-prinċipji tiegħu
- Mhux interessati fl-opinjoni tan-nies fuq ħaġa jew oħra iżda fuq dak li hemm iktar fil-fond u li jsawwar l-opinjonijiet.

# L-għanjiet prinċipali

- Se nħarsu lejn dak li jiddefinixxi lill-poplu, li se jiġi analizzat minn diversi aspetti, fosthom:
  1. Ir-reliġjon
  2. Il-kultura
  3. L-impjieg
  4. L-għażliet li jagħmel ta' kuljum
  5. Id-drittijiet
  6. Il-politika
  7. L-aspett finanzjarju, u diversi aspetti oħra.

  Dan kollu se nħarsu lejh mil-lenti taż-żgħażagħ, tal-anzjani, tal-ħaddiema, u taċ-ċittadini minn inħawi differenti u ħafna gruppi oħra li jikkaratterizzaw il-popolazzjoni kollha ta' Malta.

# Metodoloġija

- Dan l-istudju, li sar f'April u Mejju 2021, jikkonsisti f'kampjun ta' 1,064 persuna minn 16-il sena 'l fuq. Hekk naċċertaw li r-riżultati jkunu kemm jista' jkun qrib il-fatti. Infatti, il-marġni ta' żball huwa ta' +/-3%.

- Aċċertajna li l-kampjun intgħażel b'mod li jirrifletti d-demografija tal-pajjiż, biex b'hekk anke l-vuċi ta' dak li jiddefenixxi l-istat tan-nazzjon tkun taqbel b'mod eżatt.

L-istat tan-nazzjon

# Metodoloġija









# Sezzjoni 1: Il-ħajja u l-għażliet ta' kuljum

## Sezzjoni 1.1: Tippjana ħajtek?

# Sezzjoni 1.1 – Tippjana ħajtek?

- 'Il fuq minn 70% ta' dawk li rrispondew għall-istħarriġ qalu li ma jippjanawx ħajjithom (71.0%), filwaqt li 29.0% ta' dawk li wieġbu l-istħarriġ qalu li jgħixu ħajjithom ġurnata b'ġurnata.
- L-irġiel jippjanaw ħajjithom aktar min-nisa (77.5% - irġiel vs 64.1% - nisa).
- In-nies romol huma l-aktar li jgħixu ħajjithom ġurnata b'ġurnata (90.5%).
- Dawk li huma akbar minn 66 sena huma l-inqas li jippjanaw ħajjithom (28.5%).
- Nies li għandhom livell ta' edukazzjoni ogħla mis-sekondarja huma l-aktar li jippjanaw ħajjithom.
- L-istudenti kollha li wieġbu għal dan l-istħarriġ qalu li huma jippjanaw ħajjithom.
- Aktar kemm in-nies iħallsu taxxa tad-dħul, aktar huma dawk li qalu li jippjanaw ħajjithom.
- Dawk li joqogħdu fin-nofsinhar tal-Port il-Kbir huma l-aktar li jgħixu ħajjithom ġurnata b'ġurnata.

# Sezzjoni 1.1 – Tippjana ħajtek?



# Sezzjoni 1.1 – Tippjana ħajtek?







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 1: Il-ħajja u l-għażliet ta' kuljum

## Sezzjoni 1.2: Il-kuntentizza b'ħajtek

# Sezzjoni 1.2 – Il-kuntentizza b'ħajtek

- Aktar minn 60% ta' dawk li wieġbu l-istħarriġ qalu li huma kuntenti b'ħajjithom (60.7%). Madwar 40 fil-mija (39.2%) qalu li ħajjithom tista' tkun aħjar. Kienu 0.1% biss minn dawk li wieġbu li qalu li mhux kuntenti b'ħajjithom.
- Il-maġġoranza assoluta ta' dawk li temmew iż-żwieġ tagħhom qalu li ħajjithom tista' tkun aħjar (94.3%).
- Iż-żgħażagħ ta' bejn 16 u 25 sena huma l-aktar li huma kuntenti b'ħajjithom (76.0%).
- In-nies li wieġbu għal dan l-istħarriġ u li għandhom l-inqas livell ta' edukazzjoni huma l-aktar li qalu li ħajjithom tista' tkun aħjar (48.1%).
- Kienu biss 18.2% ta' dawk li mhumiex impjegati li qalu li huma kuntenti b'ħajjithom.
- Dawk li jħallsu l-aktar taxxa tad-dħul huma l-aktar li jaħsbu li ħajjithom tista' tkun aħjar.
- In-nies li wieġbu għal dan l-istħarriġ u joqogħdu fil-Punent tal-pajjiż huma l-aktar li huma kuntenti b'ħajjithom.

# Sezzjoni 1.2 – Il-kuntentizza b'ħajtek




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 1.2 – Il-kuntentizza b’ħajtek










L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 1: Il-ħajja u l-għażliet ta’ kuljum

## Sezzjoni 1.3: Suċċessi f’ħajtek

# Sezzjoni 1.3 – Suċċessi f’ħajtek

- Aktar minn 60% ta’ dawk li wieġbu l-istħarriġ qalu li jħossu li rnexxew f’ħajjithom (61.1%). Qrib 40 fil-mija (38.4%) qalu li setgħu rnexxew aktar f’ħajjithom.
- Dawk li mhux miżżewġa huma l-aktar li jaħsbu li rnexxew f’ħajjithom (69.2%).
- Iż-żgħażagħ ta’ bejn is-16 u l-25 sena huma l-aktar li jaħsbu li rnexxew f’ħajjithom (83.3%).
- In-nies li wieġbu għal dan l-istħarriġ u li għandhom l-inqas livell ta’ edukazzjoni huma l-aktar li qalu li setgħu rnexxew aktar f’ħajjithom (51.0%).
- Kienu biss 18.2% ta’ dawk li mhumiex impjegati li qalu li jaħsbu li rnexxew f’ħajjithom.
- ’Il fuq min 70% ta’ dawk li jħallsu 25% taxxa qalu li jaħsbu li rnexxew f’ħajjithom (70.8%).
- In-nies li wieġbu għal dan l-istħarriġ u joqogħdu fix-Xlokk ta’ Malta huma l-aktar li jaħsbu li rnexxew ħajjithom (71.6%).

# Sezzjoni 1.3 – Suċċessi f'ħajtek




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 1.3 – Suċċessi f'ħajtek

Skont is-sess: Inti tħossok li rnexxejt f'ħajtek?




Skont l-istat ċivili: Inti tħossok li rnexxejt f'ħajtek?




Skont l-età: Inti tħossok li rnexxejt f'ħajtek?




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 1: Il-ħajja u l-għażliet ta’ kuljum

## Sezzjoni 1.4: Mezzi ta’ għajnuna għall-problemi f’ħajtek

# Sezzjoni 1.4 – Mezzi ta’ għajnuna għall-problemi f’ħajtek

- In-nies li ħadu sehem f’dan l-istħarriġ ġew preżentati b’dawn li ġejjin u kellhom jgħidu ma’ min l-aktar li jiddiskutu l-problemi tagħhom:
  - Ħbieb
  - Il-familja li tgħix magħha
  - Il-familja li ma tgħixx magħha
  - Professjonisti bħal counsellors, psikologi, u social workers
  - Kollegi tax-xogħol
  - Il-Knisja (membri tal-kleru)

# Sezzjoni 1.4 – Mezzi ta’ għajnuna għall-problemi f’ħajtek

- L-aktar li jfittxu l-għajnuna huma mingħand il-qraba li jgħixu magħhom (71.4% ta’ dawk li wieġbu qalu li jiddiskutu l-problemi tagħhom mal-familja li jgħixu magħha).
  - Il-familja li tgħix magħha (71.4% dejjem u 23.5% kważi dejjem)
  - Il-familja li ma tgħixx magħha (1.1% dejjem u 23.7% kważi dejjem)
  - Il-Knisja (membri tal-kleru) (5.0% dejjem u 15.8% kważi dejjem)
  - Ħbieb (2.7% dejjem u 5.7% kważi dejjem)
  - Professjonisti bħal counsellors, psikologi, u social workers (15.8% ġieli iva u ġieli le, 63.1% qatt)
  - Kollegi tax-xogħol (10.6% ġieli iva u ġieli le, 65.7% qatt)

- L-inqas li jfittxu għajnuna hu mingħand il-kollegi tax-xogħol (65.7% ta’ dawk li wieġbu qalu li ma jfittxux għajnuna rigward il-problemi tagħhom mingħand kollegi tax-xogħol).

# Sezzjoni 1: Il-ħajja u l-għażliet ta’ kuljum

## Sezzjoni 1.5: L- għażliet importanti fil-ħajja

# Sezzjoni 1.5 – L- għażliet importanti fil-ħajja

- Il-familja hi l-aktar sors imfittex minn nies biex jieħdu d-deċiżjonijiet importanti (82.6%). Barra minn hekk, ħafna mid-deċiżjonijiet importanti ma’ jiġu diskussi ma’ ħadd u l-persuna tieħu d-deċiżjoni waħedha (56.7%). L-inqas mod popolari kif jittieħdu d-deċiżjonijiet hu: skont x’naħseb li titlob is-soċjetà minni (0.5%).
- L-irġiel jieħdu aktar deċiżjonijiet waħedhom min-nisa (65.0% - irġiel vs 47.7% - nisa).
- Dawk li għandhom bejn 16 u 25 sena huma l-aktar li jieħdu d-deċiżjonijiet importanti waħedhom (87.3%).
- Il-miżżewġin huma l-aktar li jieħdu d-deċiżjonijiet flimkien mal-membri tal-familja (94.4%).
- In-nies li mhux impjegati huma l-aktar li jieħdu d-deċiżjonijiet waħedhom.
- In-nies li ħadu sehem f’dan l-istħarriġ semmew **il-familja/iż-żwieġ** u **l-karriera** bħala l-aktar żewġ għażliet importanti li għamlu.

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 1.5 – L- għażliet importanti fil-ħajja




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 1.5 – L- għażliet importanti fil-ħajja

**Għażla 1:**

| | |
|---|---|
| Il-karriera | 45.3% |
| Il-familja/iż-żwieġ | 39.4% |
| L-edukazzjoni | 8.2% |
| Id-dar | 2.2% |
| Relazzjoni | 2.0% |
| Bqajt ġuvni/xebba | 0.8% |
| Sport | 0.6% |
| Il-karozza | 0.5% |
| Passatemp | 0.3% |
| Ngħin lin-nies | 0.2% |
| Volontarjat | 0.2% |
| Safar | 0.2% |
| Irtirar | 0.1% |

**Għażla 2:**

| | |
|---|---|
| Il-familja/iż-żwieġ | 58.0% |
| Id-dar | 9.8% |
| Il-karriera | 7.2% |
| Volontarjat | 6.3% |
| Safar | 5.6% |
| Relazzjoni | 4.5% |
| Stil ta' ħajja | 4.4% |
| L-edukazzjoni | 1.4% |
| Sport | 1.4% |
| Il-karozza | 0.8% |
| Emigrant | 0.3% |
| Annimali | 0.2% |
| Irtirar | 0.1% |

**Għażla 3:**

| | |
|---|---|
| Il-familja/iż-żwieġ | 54.5% |
| Safar | 11.2% |
| Volontarjat | 7.7% |
| Stil ta’ ħajja | 6.3% |
| Sport | 5.6% |
| L-edukazzjoni | 4.9% |
| Id-dar | 4.9% |
| Passatmep | 1.4% |
| Bqajt ġuvni/xebba | 1.4% |
| Il-karriera | 1.4% |
| Emigrant | 0.7% |

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 1: Il-ħajja u l-għażliet ta’ kuljum

## Sezzjoni 1.6: Taħseb li se tkun qed tgħix ħajja aħjar fi żmien sena?

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 1.6 – Taħseb li se tkun qed tgħix ħajja aħjar fi żmien sena?

- Il-maġġoranza tan-nies qalu li ma jafux jekk hux se jkunu qed jgħixu ħajja aħjar fi żmien sena (62.5%). Madwar 30% ta' dawk li wieġbu l-istħarriġ qalu li jaħsbu li se jkunu qed jgħixu ħajja aħjar fi żmien sena (30.4%). Kienu biss 7.1% tan-nies li qalu li huma mhux se jkunu qed jgħixu ħajja aħjar fi żmien sena.
- Terz tal-miżżewġin qalu li jaħsbu li se jkunu qed jgħixu ħajja aħjar fi żmien sena.
- Dawk li għandhom bejn 16 u 25 sena huma l-aktar li ma jafux jekk hux se jkunu qed jgħixu ħajja aħjar fi żmien sena (70.1%).
- Kienu biss 7.1% ta' dawk li jħallsu l-aktar taxxa tad-dħul li qalu li se jkunu qed jgħixu aħjar fi żmien sena.
- In-nies li jgħixu fin-nofsinhar tal-Port il-Kbir huma l-aktar li qalu li jaħsbu li se jkunu qed jgħixu ħajja aħjar fi żmien sena.

# Sezzjoni 1.6 – Taħseb li se tkun qed tgħix ħajja aħjar fi żmien sena?




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 2: Id-drittijiet tiegħek u l-livell ta’ għajxien

## Sezzjoni 2.1: Il-ħarsien tad-drittijiet tiegħek

# Sezzjoni 2.1 – Il-ħarsien tad-drittijiet tiegħek

- Aktar minn 60% ta' dawk li wieġbu l-istħarriġ qalu li d-drittijiet tagħhom qegħdin jiġu mħarsa sewwa (62.4%). Kienu biss 2.1% tan-nies li qalu li d-drittijiet tagħhom mhux qed jiġu mħarsa, filwaqt li 35.3% tan-nies qalu li d-drittijiet tagħhom qegħdin jiġu mħarsa aħjar.
- In-nisa l-aktar li jħossu li d-drittijiet tagħhom jistgħu jiġu imħarsa aħjar (39.7% - nisa vs 31.1% - irġiel).
- Kważi tliet kwarti ta' dawk li temmew iż-żwieġ tagħhom jaħsbu li d-drittijiet tagħhom jistgħu jiġu mħarsa aħjar.
- Iż-żagħżagħ ta' bejn 16 u 25 sena huma l-aktar li jaħsbu li d-drittijiet tagħhom qed jiġu mħarsa sewwa (74.0%).
- Il-ħaddiema huma l-aktar li qalu li d-drittijiet tagħhom qed jiġu mħarsa (66.0%).
- L-Għawdxin huma l-aktar li qalu li d-drittijiet tagħhom qed jiġu mħarsa (82.1%).

# Sezzjoni 2.1 – Il-ħarsien tad-drittijiet tiegħek




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 2.1 – Il-ħarsien tad-drittijiet tiegħek







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 2: Id-drittijiet tiegħek u l-livell tal-għajxien

## Sezzjoni 2.2: Il-livell tal-għajxien

# Sezzjoni 2.2 – Il-livell tal-għajxien

- Aktar minn tliet kwarti ta' dawk li wieġbu għal dan l-istħarriġ qalu li l-istandard tal-għajxien tagħhom hu daqs il-medja (75.8%). Madwar għoxrin fil-mija tan-nies qalu li l-livell ta' għajxien tagħhom hu ogħla mill-medja (19.2%). Kienu biss ħamsa fil-mija tan-nies li qalu li l-livell tal-għajxien tagħhom hu inqas mill-medja.
- Dawk li temmew iż-żwieġ tagħhom huma l-aktar li qalu li l-istandard tal-għajxien tagħhom hu taħt il-medja (21.4%).
- In-nies ta' bejn 56 u 65 huma l-aktar li qalu li l-istandard tal-għajxien tagħhom hu taħt il-medja (11.6%).
- Aktar kemm hu għoli l-livell ta' edukazzjoni tan-nies, aktar huma dawk li qalu li għandhom l-istandards tal-għajxien tagħhom 'il fuq mill-medja.
- Aktar kemm hi għolja t-taxxa tad-dħul, aktar huma dawk li qalu li għandhom l-istandards tal-għajxien tagħhom 'il fuq mill-medja.
- L-Għawdxin huma l-aktar li qalu li l-istandard tal-għajxien tagħhom hu daqs il-medja (94.9%).

# Sezzjoni 2.2 – Il-livell ta' għajxien




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 2.2 – Il-livell ta' għajxien

Skont l-istat ta' żwieġ: Inti kif tevalwa l-istandard tal-għajxien tiegħek?




Skont kemm titħallas taxxa: Inti kif tevalwa l-istandard tal-għajxien tiegħek?




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 2: Id-drittijiet tiegħek u l-livell tal-għajxien

## Sezzjoni 2.3: Bdil fis-sitwazzjoni finanzjarja

# Sezzjoni 2.3 – Bdil fis-sitwazzjoni finanzjarja

- Il-maġġoranza tan-nies qalu li s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom baqgħet l-istess meta tqabbilha ma’ sena ilu (62.4%). Qrib kwart tan-nies qalu li s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom ġiet għall-aħjar din is-sena (24.2%). Għal 13.5% ta’ dawk li wieġbu, is-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom marret għall-agħar din is-sena.
- Dawk li mhux miżżewġa huma l-aktar li qalu li s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom marret għall-aħjar din is-sena (30.3%).
- In-nies li għandhom bejn 55 u 65 huma l-aktar li qalu li s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom marret għall-agħar fi żmien sena (27.1%).
- Aktar minn kwart tal-ħaddiema qalu li s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom marret għall-aħjar fi żmien sena (25.9%).
- Madwar 20% ta’ dawk li joqogħdu fit-tramuntana ta’ Malta qalu li s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom marret għall-agħar fi żmien sena (19.9%).

# Sezzjoni 2.3 – Bdil fis-sitwazzjoni finanzjarja



# Sezzjoni 2.3 – Bdil fis-sitwazzjoni finanzjarja







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 3: Aspetti importanti fix-xogħol tiegħek

# Sezzjoni 3 – Aspetti importanti fix-xogħol tiegħek

- In-nies li wieġbu għal dan l-istħarriġ ġew mitluba jikklassifikaw dawn li ġejjin (l-iktar importanti '1' u l-inqas importanti ‘5’):
  - Id-dħul mill-impjieg tiegħek (medja: 2.17) – L-iktar importanti
  - Sodisfazzjon li jagħtik ix-xogħol (medja: 2.24)
  - Sigurtà/garanzija ta’ impjieg (medja: 2.69)
  - Flessibbiltà tas-sigħat (medja: 3.71)
  - Apprezzament fuq il-post tax-xogħol (medja: 4.19) – L-inqas importanti
- L-iktar importanti għan-nies huwa d-dħul mill-impjieg, filwaqt li l-inqas importanti hu l-apprezzament fuq il-post tax-xogħol.
- Għan-nisa, l-aktar importanti fix-xogħol tagħhom hu s-sodisfazzjon li jagħtik ix-xogħol (medja: 2.2).
- Għal dawk li huma ta’ bejn 16 u 25 sena, l-aktar importanti fix-xogħol tagħhom hu s-sodisfazzjon li jagħtik ix-xogħol (medja: 2.2).

# Sezzjoni 4: Ir-reliġjon

## Sezzjoni 4.1: It-twemmin f'Alla

# Sezzjoni 4.1 – It-twemmin f’Alla

- Il-maġġoranza assoluta ta’ dawk li wieġbu l-istħarriġ qalu li jemmnu f’Alla (93.5%). Kienu biss 3.0% li qalu li ma jemmnux f’Alla,filwaqt li 3.5% tan-nies qalu li ma jafux.
- 8% ta’ dawk bejn is-16 u l-25 sena qalu li ma jemmnux f’Alla.

# Sezzjoni 4.1 – It-twemmin f'Alla




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 4.1 – It-twemmin f'Alla




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 4: Ir-reliġjon

## Sezzjoni 4.2: L-importanza tar-reliġjon f'ħajtek

# Sezzjoni 4.2 – L-importanza tar-reliġjon f'ħajtek

- Kważi 60% ta' dawk li wieġbu għall-istħarriġ qalu li r-reliġjon hija importanti ħafna f'ħajjithom (59.6%). Għal madwar 30% tan-nies, ir-reliġjon mhux daqshekk importanti f'ħajjithom (29.4%), filwaqt li għal aktar minn 10% ir-reliġjon mhi importanti xejn f'ħajjithom (10.8%).
- In-nisa jqisu r-reliġjon aktar importanti mill-irġiel (67.7% nisa vs 51.9% rġiel).
- Aktar kemm hi kbira l-età, aktar ma hi importanti r-reliġjon fil-ħajja tal-bniedem.
- In-nies li wieġbu għal dan l-istħarriġ u għandhom l-inqas livell ta' edukazzjoni huma l-aktar li qalu li r-reliġjon hi importanti f' ħajjithom (73.1%).
- Għall-pensjonanti r-reliġjon hi ta' importanza kbira f'ħajjithom (88.9%).
- Huma 14.3% ta' dawk li jħallsu l-ogħla taxxa tad-dħul li qalu li r-reliġjon hi importanti ħafna f'ħajjithom.
- Aktar minn 20% tal-Għawdxin qalu li r-reliġjon mhi importanti xejn f'ħajjithom (20.5%).

# Sezzjoni 4.2 – L-importanza tar-reliġjon f'ħajtek




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 4.2 – L-importanza tar-reliġjon f'ħajtek




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 4: Ir-reliġjon

## Sezzjoni 4.3: Ir-reliġjon u d-deċiżjonijiet f'ħajtek

# Sezzjoni 4.3 – Ir-reliġjon u d-deċiżjonijiet f'ħajtek

- Aktar minn 50% ta' dawk li wieġbu għall-istħarriġ qalu li jikkunsidraw ħafna r-reliġjon meta jieħdu d-deċiżjonijiet dwar dak li huwa tajjeb jew ħażin (53.9%). Terz tan-nies ma jikkunsidrawx daqshekk ir-reliġjon meta jieħdu d-deċiżjonijiet dwar dak li huwa tajjeb jew ħażin (33.3%), filwaqt li 12.5% tan-nies ma jikkunsidraw xejn ir-reliġjon meta jieħdu d-deċiżjonijiet dwar dak li huwa tajjeb jew ħażin.
- In-nisa jikkunsidraw ħafna r-reliġjon meta jieħdu d-deċiżjonijiet dwar dak li huwa tajjeb jew ħażin (63.2% nisa vs 44.9% rġiel).
- Aktar kemm hi kbira l-età, aktar in-nies jikkunsidraw r-reliġjon meta jieħdu d-deċiżjonijiet dwar dak li huwa tajjeb jew ħażin.
- In-nies li wieġbu għal dan l-istħarriġ u li għadhom l-inqas livell ta' edukazzjoni huma l-aktar li jikkunsidraw ir-reliġjon meta jieħdu d-deċiżjonijiet dwar dak li huwa tajjeb jew ħażin (73.1%).
- Il-pensjonanti huma l-aktar li jikkunsidraw ir-reliġjon meta jieħdu d-deċiżjonijiet dwar dak li huwa tajjeb jew ħażin (83.9%).
- Huma 14.3% ta' dawk li jħallsu l-ogħla taxxa ta' dħul li jikkunsidraw ħafna r-reliġjon meta jieħdu d-deċiżjonijiet dwar dak li huwa tajjeb jew ħażin.

# Sezzjoni 4.3 – Ir-reliġjon u d-deċiżjonijiet f'ħajtek




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 4.3 – Ir-reliġjon u d-deċiżjonijiet f'ħajtek




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 5: In-nazzjonalità

## Sezzjoni 5.1: Ma’ fejn l-aktar li tassoċja ruħek?

# Sezzjoni 5.1 – Ma' fejn l-aktar li tassoċja ruħek?

- Aktar minn 50% ta' dawk li rrispondew għall-istħarriġ qalu li jħossuhom li jagħmlu parti minn Malta kollha (54.3%). Ftit aktar minn terz tan-nies iħossuhom li jagħmlu parti mar-raħal jew belt fejn joqogħdu (34.5%), filwaqt li 11.2% tan-nies iqisu li huma parti mill-Ewropa kollha.
- In-nies romol huma l-aktar li jqisu ruħhom bħala abitanti tar-raħal jew belt fejn joqogħdu (81.0%).
- Iktar kemm hi kbira l-età tan-nies, aktar iqisu ruħhom bħala abitanti tar-raħal jew belt fejn joqogħdu.
- Nies li għandhom livell ta' edukazzjoni terzjarja huma l-aktar li jqisu ruħhom bħala parti mill-Ewropa (15.6%).
- L-istudenti huma l-aktar li jħossuhom parti minn Malta kollha (86.4%).
- Aktar kemm in-nies iħallsu taxxa ta' dħul, aktar huma dawk li jqisu ruħhom bħala parti mill-Ewropa.
- L-Għawdxin huma l-aktar li jqisu ruħhom bħala abitanti tar-raħal jew belt fejn joqogħdu (50.0%).

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 5.1 – Ta’ fejn l-aktar tasoċċja ruħek?




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 5.1 – Ta' fejn l-aktar tasoċċja ruħek?




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 5: In-nazzjonalità

## Sezzjoni 5.2: Tixtieq li twelidt f'pajjiż ieħor?

# Sezzjoni 5.2 – Tixtieq li twelidt f'pajjiż ieħor?

- Il-maġġoranza tal-Maltin li wieġbu għal dan l-istħarriġ qalu li ma jixtiqux li kieku twieldu f'post ieħor (87.1%). Kienu biss 6.3% li qalu li jixtiequ li kieku twieldu f'post ieħor, filwaqt li 6.6% tan-nies qalu "ma nafx".
- In-nies romol huma l-aktar li qalu li jixtiequ kieku twieldu f'post ieħor (14.3%).
- Dawk li għandhom aktar minn 65 huma l-aktar li jixtiequ li kieku twieldu ġo post ieħor (9.4%).
- Aktar minn kwart ta' dawk li mhux impjegati qalu li jixtiequ li kieku twieldu f'post ieħor (27.3%).
- Ftit aktar minn kwart ta' dawk li jħallsu l-ogħla taxxa tad-dħul qalu li jixtiequ li kieku twieldu f'post ieħor (35.7%).
- Kważi l-Għawdxin kollha qalu li ma jixtiqux li kieku twieldu f'post ieħor (97.2%).

# Sezzjoni 5.2 – Tixtieq li twelidt f'pajjiż ieħor?




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 6: Il-lingwa

## Sezzjoni 6.1: Il-lingwa primarja

# Sezzjoni 6.1 – Il-lingwa primarja

L-iktar lingwa kkunsidrata bħala l-lingwa prinċipali tal-Maltin hija l- Malti (82.0%). Huma biss 1.3% tan-nies li wieġbu għal dan l-istħarriġ li qalu li l-Ingliż hija l-lingwa primarja tagħhom. Ftit aktar minn 16% tan-nies iqisu kemm il-Malti u kemm l-Ingliż bħala l-lingwi primarja tagħhom (16.7%).

# Sezzjoni 6.1 – Il-lingwa primarja




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7: Il-politika

## Sezzjoni 7.1: L-importanza tal-politika f'ħajtek

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7.1 – L-importanza tal-politika f'ħajtek

- Għal kważi nofs in-nies li wieġbu għal dan l-istħarriġ, il-politika Maltija hija importanti ħafna f'ħajjithom (48.3%). Aktar minn terz tan-nies qalu li l-politika Maltija mhix daqshekk importanti f'ħajjithom (37.3%), filwaqt li għal 12.9% tan-nies, il-politika Maltija m'għandha l-ebda importanza f'ħajjithom.
- L-irġiel jagħtu aktar importanza lil politika Maltija milli jagħtu n-nisa (52.0% rġiel vs 44.4% nisa).
- Il-persuni li mhux miżżewġin huma l-inqas li jagħtu ħafna importanza lil politika Maltija f'ħajjithom (34.5%).
- Aktar kemm hi kbira l-età tan-nies, aktar ma jagħtu importanza lill-politika Maltija f'ħajjithom.
- Dawk li għandhom l-inqas livell ta' edukazzjoni huma l-aktar li jagħtu importanza lill-politika Maltija f'ħajjithom (59.6%).
- Kważi nofs l-istudenti li ħadu sehem f'dan l-istħarriġ qalu li ma jagħtu l-ebda importanza lill-politika Maltija f'ħajjithom (48.4%).
- L-Għawdxin huma l-inqas li qalu li jagħtu ħafna importanza lill-politika Maltija f'ħajjithom.

# Sezzjoni 7.1 – L-importanza tal-politika f'ħajtek




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7.1 – L-importanza tal-politika f'ħajtek







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7: Il-politika

## Sezzjoni 7.2: L-influwenza tal-politika fid-deċiżjonijiet tiegħek

# Sezzjoni 7.2 – L-influwenza tal-politika fuq id-deċiżjonijiet tiegħek

- Aktar minn 40% tan-nies qalu li jaslu għall-opinjoni tagħhom dwar diversi temi differenti skont kif tkun l-opinjoni tal-partit politiku li jemmnu fih (43.9%). Kważi 30% tan-nies ma jiffurmawx l-opinjoni tagħhom skont kif jifhimha l-partit politiku li jemmnu fih (29.4%). Aktar minn kwart tan-nies qalu "Ma nafx" (26.7%).
- Aktar minn 50% tal-irġiel jaslu għall-opinjoni tagħhom dwar diversi temi differenti skont kif tkun l-opinjoni tal-partit politiku li jemmnu fih huma (50.4%), filwaqt li 37.1% tan-nisa biss jiffurmaw, skont kif tkun l-opinjoni tal-partit politiku li jemmnu fih.
- In-nies li għandhom livell għoli ta' edukazzjoni huma l-inqas li jaslu għall-opinjoni tagħhom dwar diversi temi differenti, skont kif tkun l-opinjoni tal-partit politiku li jemmnu fih, 36.4%.
- Ftit aktar minn terz Għawdxin jaslu għall-opinjoni tagħhom dwar diversi temi differenti, skont kif tkun l-opinjoni tal-partit politiku li jemmnu fih (35.9%).

# Sezzjoni 7.2 – L-influwenza tal-politika fuq id-deċiżjonijiet tiegħek



# Sezzjoni 7.2 – L-influwenza tal-politika fuq id-deċiżjonijiet tiegħek




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7: Il-politika

## Sezzjoni 7.3: Il-preferenza tal-vot

# Sezzjoni 7.3 – Il-preferenza tal-vot

- Fil-passat, ħafna mill-Maltin dejjem ivvotaw għall-istess partit (82.7%). Huma biss 17.3% tan-nies li ġieli vvutaw għal partit differenti fil-passat.
- In-nies li għandhom livell għoli ta' edukazzjoni huma l-aktar li ġieli vvotaw għal partit differenti. 21% tagħhom qalu li ġieli vvutaw għal partit differenti.
- Aktar kemm tkun għolja t-taxxa tad-dħul tan-nies, aktar hu ċ-ċans li l-persuna vvutat għal-partit differenti fil-passat.
- In-nies li jgħixu fin-nofsinhar tal-Port il-Kbir huma l-aktar li dejjem ivvutaw għall-istess partit fil-passat (87.6%).

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7.3 – Il-preferenza tal-vot




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7.3 – Il-preferenza tal-vot







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7.3 – Il-preferenza tal-vot

- Fil-futur, aktar minn nofs il-Maltin ma jikkunsidrawx li jivvotaw għal partit ieħor (55.8%). Huma ftit aktar minn kwart tan-nies li jikkunsidraw li jivvotaw għal partit differenti fil-futur (27.3%). Ftit inqas minn 17% qalu li ma jafux (16.9%).
- Il-persuni li mhux miżżewġa huma l-aktar li jikkunsidraw li jivvotaw għal partit differenti fil-futur (43.6%).
- Iż-żgħażagħ ta' bejn 16 u 25 huma l-aktar li jikkunsidraw li jivvutaw għal partit differenti fil-futur (50.3%).
- Aktar kemm hi għolja l-livell ta' edukazzjoni tan-nies, aktar huwa ċ-ċans li jivvutaw għal partit differenti fil-futur.
- Aktar kemm hi għolja t-taxxa tad-dħul tan-nies, aktar huwa ċ-ċans li jivvutaw għal partit differenti fil-futur.
- In-nies li jgħixu fit-tramuntana ta' Malta huma l-aktar li lesti li jivvutaw parti differenti fil-futur (45.2%)

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7.3 – Il-preferenza tal-vot




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7.3 – Il-preferenza tal-vot










L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7.3 – Il-preferenza tal-vot







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7: Il-politika

## Sezzjoni 7.4: L-ideat tiegħek u l-politika

# Sezzjoni 7.4 – L-ideat tiegħek u l-politika

90% tal-Maltin jidentifikaw ruħhom ma’ partit politiku li jaqbel mal-ideat tagħhom. 10% biss tan-nies qalu li huma jiffurmaw l-ideat tagħhom skont il-partit li jidentifikaw ruħhom miegħu.

# Sezzjoni 7.4 – L-ideat tiegħek u l-politika




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 8: Il-midja u l-ġrajjiet kurrenti

## Sezzjoni 8.1: Rappurtaġġi ta’ aħbarijiet li jinteressawk

# Sezzjoni 8.1 – Rappurtaġġi ta' aħbarijiet li jinteressawk

- Aktar minn nofs in-nies li ħadu sehem f'dan l-istħarriġ qalu la ħafna u lanqas ftit ('Insomma') rigward li l-midja Maltija tirrapporta u tiddiskuti suġġetti li jikkonċernaw lilhom (58.9%). Aktar minn kwart tan-nies qalu li l-midja Maltija ma tirrapportax u tiddiskuti suġġetti li jikkonċernaw lilhom (27.8%). Kienu biss 10.1% tan-nies li qalu l-midja Maltija tirrapporta u tiddiskuti ħafna suġġetti li jikkonċernaw lilhom.
- Madwar 15% ta' dawk in-nies ta' bejn is-16 u l-25 qalu li l-midja Maltija tirrapporta u tiddiskuti ħafna suġġetti li jikkonċernaw lilhom (15.3%).
- Għal 12.2% ta' dawk li għandhom livell ta' edukazzjoni terzjarja, il-midja Maltija tirrapporta u tiddiskuti ħafna suġġetti li jikkonċernaw lilhom.
- Kważi terz tan-nies li joqogħdu fit-tramuntana tal-Port il-Kbir qalu li l-midja Maltija ma tirrapportax u tiddiskuti l-ebda suġġetti li jikkonċernaw lilhom (32.5%).

# Sezzjoni 8.1 – Rappurtaġġi ta’ aħbarijiet li jinteressawk




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 8: Il-midja u l-ġrajjiet kurrenti

## Sezzjoni 8.2: L-aktar sors popolari ta’ midja biex issegwi l-aħbarijiet

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 8.2 – L-aktar sors popolari ta' midja biex isegwi l-aħbarijiet

- Bla dubju ta' xejn, l-użu tal-midja soċjali qed jaffettwa sew kif jiġu mħabbra l-aħbarijiet. L-aktar mezz popolari mal-Maltin biex isegwu l-aħbarijiet hu: links tal-portals tal-aħbarijiet fuq Facebook (72.4%). It-televiżjoni għadu mezz popolari wkoll għall-aħbarijiet, hekk kif hu t-tieni l-aktar sors ta' midja użat mill-Maltin biex isegwu l-aħbarijiet. Ta' min jinnota kemm naqset il-popolarità tal-gazzetta stampata.
- Ir-radju hu l-aktar popolari ma' dawk li ghandhom 'il fuq minn 66 sena.

# Sezzjoni 8.2 – L-aktar sors popolari ta’ midja biex issegwi l-aħbarijiet




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 8.2 – L-aktar sors popolari ta' media biex issegwi l-aħbarijiet

| | 16-25 | 26-35 | 36-45 | 46-55 | 56-65 | 66+ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Gazzetta printjata | 0.0% | 6.2% | 2.0% | 1.9% | 1.7% | 6.1% |
| Gazzetti online (portals) | 39.3% | 65.5% | 53.7% | 32.5% | 28.7% | 27.6% |
| Radju | 4.0% | 10.8% | 22.4% | 35.0% | 44.2% | 59.3% |
| Links tal-portals tal-aħbarijiet fuq Facebook | 98.0% | 90.7% | 87.8% | 76.4% | 52.5% | 36.9% |
| TV | 2.0% | 32.0% | 48.8% | 76.4% | 84.5% | 94.9% |
| Fuq il-paġni jew gruppi tal-ħbieb tiegħek fuq Facebook | 43.3% | 23.7% | 14.1% | 8.3% | 13.3% | 7.9% |
| Mingħand ħaddieħor | 12.0% | 14.9% | 11.2% | 9.6% | 16.0% | 14.5% |
| Ma nsegwix aħbarijiet Maltin | 0.0% | 0.5% | 2.0% | 1.3% | 0.0% | 0.0% |

# Sezzjoni 8: Il-midja u l-ġrajjiet kurrenti

## Sezzjoni 8.3: L-avvenimenti li jseħħu barra għadhom jaffettwaw lil Malta?

# Sezzjoni 8.3 – L-avvenimenti li jseħħu barra għadhom jaffettwaw lil Malta?

Id-dinja dejjem qed tiġi globalizzata. Il-maġġoranza assoluta tal-Maltin (92.7%) jaħsbu li l-avvenimenti li jseħħu barra minn Malta qed jaffettwawna ħafna aktar minn dawk li seħħew għaxar snin ilu.

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 8.3 – L-avvenimenti li jseħħu barra għadhom jaffettwaw lil Malta?




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 9: L-aktar importanti għalik fost: ġustizzja, ugwaljanza, libertà, u solidarjetà

# Sezzjoni 9 – L-aktar importanti għalik fost: ġustizzja, ugwaljanza, libertà, u solidarjetà

- In-nies li wieġbu għal dan l-istħarriġ ntalbu jikklassifikaw dawn li ġejjin (l-iktar importanti '1' u l-inqas importanti '4'):
  - Ġustizzja (medja: 1.44) – L-iktar importanti
  - Libertà (medja: 2.55)
  - Ugwaljanza (medja: 2.96)
  - Solidarjetà (medja: 3.01) – L-inqas importanti
- L-iktar importanti għan-nies hija l-ġustizzja, filwaqt li l-inqas importanti hi s-solidarjetà.
- Għall-istudenti li wieġbu dan lis-stħarriġ: l-aktar importanti hi l-libertà.

# Sezzjoni 10: Kemm lest li tafda lil xi ħadd Malti bħalek

# Sezzjoni 10 – Kemm lest li tafda lil xi ħadd Malti bħalek

- Meta mistoqsijin kemm lesti li jafdaw persuna Maltija bħalhom (fejn 1- Ma nafda lil ħadd, 5- Nafda lil kulħadd), l-aktar risposta komuni kienet "3 - Newtrali". Il-medja hi 3.31.
- Iż-żgħażagħ ta' bejn 16 u 25 sena huma l-aktar li jafdaw (medja ta' 3.50).
- Dawk li huma separati/divorzjati/annullati huma l-inqas li jafdaw persuna oħra Maltija (2.83).
- Nies bl-inqas livell ta' edukazzjoni huma l-inqas li jafdaw (3.16).
- L- Għawdxin huma l-aktar li jafdaw persuna oħra Maltija (3.56).

# Sezzjoni 10 – Kemm lest li tafda lil xi ħadd Malti bħalek




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 10 – Kemm lest li tafda lil xi ħadd Malti bħalek

| | Medja: |
|---|---|
| Mara | 3.32 |
| Raġel | 3.30 |
| | |
| 16-25 | 3.50 |
| 26-35 | 3.33 |
| 36-45 | 3.31 |
| 46-55 | 3.42 |
| 56-65 | 3.11 |
| 66+ | 3.26 |
| | |
| Miżżewweġ/miżżewġa | 3.32 |
| Mhux miżżewweġ/mhux miżżewġa | 3.42 |
| Separat(a)/Divorzjat(a)/Annullat(a) | 2.63 |
| Armel/Armla | 2.88 |
| | |
| Primarja | 3.16 |
| Sekondarja | 3.24 |
| Post-Sekondarja | 3.44 |
| Terzjarja | 3.35 |

| | Mejda: |
|---|---|
| Ħaddiem(a) | 3.37 |
| Student(a) | 3.52 |
| Mara/Raġel tad-dar | 3.18 |
| Miniex impjegat(a) bħalissa | 2.64 |
| Pensjonant(a) | 3.21 |
| | |
| 0% | 3.21 |
| 15% | 3.31 |
| 25% | 3.44 |
| 35% | 3.00 |
| | |
| Southern Harbour | 3.32 |
| Northern Harbour | 3.21 |
| South Eastern | 3.42 |
| Western | 3.37 |
| Northern | 3.25 |
| Gozo and Comino | 3.56 |

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 11: L-aktar ħaġa importanti għalik fil-kultura Maltija

# Sezzjoni 11 – L-aktar ħaġa importanti għalik fil-kultura Maltija

- In-nies li wieġbu għal dan l-istħarriġ intalbu jikklassifikaw dawn l-affarijiet/avvenimenti kulturali Maltin (l-iktar importanti '1' u l-inqas importanti ‘5’):
  - Ikel tradizzjonali Malti (medja: 2.42) – L-iktar importanti
  - Il-festi tal-irħula u l-ibliet (medja: 2.53)
  - Il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira (medja: 2.70)
  - Arti u mużika Maltija (medja: 2.87)
  - Il-karnival (medja: 4.47) – L-inqas importanti
- L-iktar importanti għan-nies hu l-ikel tradizzjonali Malti, filwaqt li l-inqas importanti hu l-karnival.
- Għal dawk li huma ’l fuq minn 66 u n-nisa, l-aktar importanti hi l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

# Sezzjoni 11 – L-aktar ħaġa importanti għalik fil-kultura Maltija

| | Il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira | Il-karnival | Il-festi tal-irħula u l-ibliet | Ikel tradizzjonali Malti | Arti u mużika Maltija |
|---|---|---|---|---|---|
| 16-25 | 3.95 | 3.95 | 2.59 | 2.43 | 2.05 |
| 26-35 | 3.32 | 4.34 | 2.78 | 2.23 | 2.35 |
| 36-45 | 2.99 | 4.58 | 2.80 | 2.03 | 2.59 |
| 46-55 | 2.54 | 4.59 | 2.37 | 2.40 | 3.10 |
| 56-65 | 2.23 | 4.55 | 2.24 | 2.51 | 3.46 |
| 66+ | 1.48 | 4.71 | 2.36 | 2.90 | 3.53 |

**N.B: Dawn il-figuri huma l-medja**

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 12: Kemm taqbel mal-multikulturaliżmu?

# Sezzjoni 12 – Kemm taqbel mal-multikulturaliżmu?

- Il-Maltin ma tantx iħossuhom komdi bit-taħlit tal-kulturi fis-soċjetà tagħna. Il-medja hi 2.34 (fejn 1 - Ma jien komdu xejn, 5 - Komdu ħafna ). L-irġiel huma l-aktar li jħossuhom komdi bit-taħlit tal-kulturi fis-soċjetà tagħna (2.38% rġiel vs 2.29% nisa).
- Iż-żgħażagħ ta' bejn is-16 u l-25 sena huma l-aktar li jħossuhom komdi bit-taħlit tal-kulturi fis-soċjetà tagħna (medja ta' 2.87).
- Dawk li huma separati/divorzjati/annullati huma l-inqas li jħossuhom komdi bit-taħlit tal-kulturi fis-soċjetà tagħna (1.74%).
- Nies bl-ogħla livell ta' edukazzjoni huma l-aktar li jħossuhom komdi bit-taħlit tal-kulturi fis-soċjetà tagħna (medja ta' 2.74%).
- L-istudenti huma l-aktar li jħossuhom komdi bit-taħlit tal-kulturi fis-soċjetà tagħna (medja ta' 2.61%).
- Dawk li joqogħodu fit-tramuntana tal-Port il-Kbir huma l-inqas li jħossuhom komdi bit-taħlit tal-kulturi fis-soċjetà tagħna (2.14%).

# Sezzjoni 12 – Kemm taqbel mal-multikulturaliżmu?




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 12 – Kemm taqbel mal-multikulturaliżmu?

| | Medja: |
|---|---|
| Mara | 2.29 |
| Raġel | 2.38 |
| | |
| 16-25 | 2.87 |
| 26-35 | 2.42 |
| 36-45 | 2.25 |
| 46-55 | 2.25 |
| 56-65 | 2.21 |
| 66+ | 2.14 |
| | |
| Miżżewweġ/miżżewġa | 2.27 |
| Mhux miżżewweġ/,hux miżżewġa | 2.65 |
| Separat(a)/Divorzjat(a)/Annullat(a) | 1.74 |
| Armel/Armla | 1.88 |
| | |
| Primarja | 1.88 |
| Sekondarja | 2.04 |
| Post-Sekondarja | 2.35 |
| Terzjarja | 2.74 |

| | Mejda: |
|---|---|
| Ħaddiem(a) | 2.45 |
| Student(a) | 2.61 |
| Mara/Raġel tad-dar | 1.97 |
| Miniex impjegat(a) bħalissa | 1.82 |
| Pensjonant(a) | 2.17 |
| | |
| 0% | 2.06 |
| 15% | 2.31 |
| 25% | 2.63 |
| 35% | 3.36 |
| | |
| Southern Harbour | 2.35 |
| Northern Harbour | 2.14 |
| South Eastern | 2.38 |
| Western | 2.44 |
| Northern | 2.57 |
| Gozo and Comino | 2.42 |

L-istat tan-nazzjon

# Konklużjoni

- Dan huwa l-istat tan-nazzjon. Ħarisna lejn dak li jiddefinixxih u dak li jinfluwenzah sabiex jifforma l-opinjoni u l-ħsibijiet tiegħu. Rajna kemm is-sehem tal-familja huwa importanti għall-ħajja tagħna ta' kuljum, għad-deċiżjonijiet li nieħdu, kif ukoll għall-problemi li naffaċċjaw. Għandna poplu li għandu n-nazzjon Malti għal qalbu ferm, komdu li jgħix Malta, komdu li jiġi assoċjat ma' Malta u li jindentifiku lilu nnifsu ma dak li hu Malti.

# Konklużjoni

- Poplu li jemmen f'Alla imma mhux bl-istess livell ta' importanza li jagħti lir-reliġjon. Poplu li għalih il-politika għandha sehem ċentrali kemm f'dak kollu li jemmen fih kif ukoll fl-għażliet politiċi li jieħu. Rajna wkoll varjazzjonijiet ċari bejn ġenerazzjonijiet differenti. Iż-żagħżugħ u l-anzjan għandhom viżjonijiet differenti dwar diversi aspetti u temi. Imma dan minħabba nuqqas ta' esperjenza jew sempliċiment riżultat ta' poplu li qiegħed dejjem jinbidel?

# Minn hawn 'il quddiem...

Qabel ma l-kelliema, il-poplu, u l-esperti jiddiskutu l-istat tan-nazzjon, bdejna billi nagħtu stampa ta' min hu l-poplu u dak li jiddefinih minn aspett xjentifiku. B'hekk, il-poplu Malti semma' leħnu qabel id-diskussjoni. Issa, id-diskussjoni tista' tibda.

# L-istat tan-nazzjon



**Laqgħa fuq livell nazzjonali**

Il-Ġimgħa, 4 ta' Ġunju 2021

Fid-9a.m.

Imxandra mill-Palazz Verdala

LIVE

facebook.com/PresidentofMalta

L-istat tan-nazzjon